MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru 20/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Christopher Philip Agius**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2012 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fis-26 ta' Jannar 2012.

**2.** Christopher Philip Agius kien akkużat, (flimkien ma’ Charles Ryan Vella li talab li l-ġuri jinstema’ mingħajr ġurati u għalhekk fis-7 ta’ Novembru 2011 ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju), permezz ta’ Att ta’ Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fid-29 ta’ Lulju 2011 (nru 20/2011) li: (1) bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta’ serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee` Briffa, mara ta’ l-fuq minn sittin (60) sena, wrew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta’ dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-“vjolenza” hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta’ elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); (2) kkaġunaw ferita ta’ natura gravi fuq persuna, billi kkaġunaw jew x’aktarx ikkaġunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta’ sittin sena; (3) volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47);

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddikjarat ix-xhieda enumerati minnu (1) sa (7) bħala inammissibbli u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija;

**4.** Permezz tan-nota ta’ eċċezzjonijiet tieghu tas-26 ta’ Awissu 2011 l-Avukat Ġenerali ta avviz ta’ eċċezzjoni dwar l-ammissibilita` ta’ prova tax-xhieda elenkati mill-appellant fin-nota tax-xhieda tiegħu ta’ l-24 ta’ Awissu 2011 elenkati min-numru (1) san-numru (7), stante li minn imkien ma’ tidher li d-deposizzjoni tagħhom tista’ tkun

relevanti għall-mertu tal-każ u dan peress illi fin-nuqqas ta' l-oġġett tal-prova li jrid isir bih l-ammissibilita` tiegħu ma tirriżultax".

**5.** L-ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali wara li kkunsidrat:

**"Il-lista tindika xi persuni li jaħdmu f'xi oqsma soċjali bħal Probation Centre, Id-Detox Centre, u l-Caritas. Oħrajn ma hemm ebda dettall għalfejn jinsabu fil-lista. S'intendi xi wħud jistgħu jixhdu bħala *character references*, jekk ikun hemm il-ħtieġa. Il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali."**

**6.** Minn din il-parti tas-sentenza tat-23 ta' Jannar 2012 appella, kif ingħad, l-akkużat. L-agggravju tiegħu hu fis-sens illi ġaladarba ma teżisti ebda *exclusionary rule* fir-rigward tax-xhieda ndikati minnu – enumerati (1) sa (7) – dawn qatt ma setgħu jiġu ddikjarati bħala inammissibbli. Jgħid: "Ġie ripetutament ritenut li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smiegħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u aprioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti ghal *'facts in issue'*."

**7.** Fuq aggravju simili din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbliblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2012, iddeċidiet hekk:

**"28. L-akkuzat appellant, izda, ghandu ragun isostni li x-xhieda minnu indikati u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) ma setghux jigu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom. Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. L-oggezzjoni tal-Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu rigwardanti dawn ix-xhieda hi merament kwistjoni ta' relevanza u mhux ta'**

**ammissibilita`, u materja ta' relevanza hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri. Jekk l-Avukat Generali xtaq aktar informazzjoni minn dik provduta mill-akkuzat fil-lista tax-xhieda tieghu sabiex jiddetermina r-relevanza tax-xhieda msemmija l-istess Avukat Generali kellu l-ghazla li, kif previst fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, b'rikors jitlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda jiġi iddikjarat. L-Avukat Generali, izda, naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju."**

**8.** Dan japplika għall-każ odjern ukoll. Sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jiddeciedi dwar ir-rilevanza o meno tax-xhieda enumerati (1) sa (7) fin-nota ta' l-appellant. Konsegwentement dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**9.** Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li l-Avukat Ġenerali naqas milli jirrispetta d-dettami ta' l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu huwa ta' avviż ta' l-eċċezzjoni ta' ammissibilita` permezz ta' risposta u mhux ta' nota kif rikjest mill-imsemmija disposizzjoni. L-appellant, pero`, m'għandux raġun peress illi kif jirriżulta mill-att a fol. 31 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali, l-Avukat Ġenerali ta' avviż ta' l-eċċezzjoniiet tiegħu permezz ta' "Nota". Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali u b'hekk iddikjarat ix-xhieda enumerati mill-appellant min-numru (1) san-numru (7) bħala inammissibbli u minflok, filwaqt li tiddikjara ammissibbli l-istess xhieda, tiċħad dik l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-każ skond il-liġi u, b'referenza għall-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-proċeduri, tordna li l-akkużat jerġa' jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma ddaħħal fl-iżbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------